MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2008

Numru. 88/2008

**Il- Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Doreen Bugeja**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija Doreen (Maria Dolores) Bugeja ta’ 33 sena, bint Andrew Bartolo u Petra nee` Cassar, imwielda Pieta` nhar id- 9 ta’ Awissu, 1974, residenti Entratura G, Flat 8, Binja Santa Venera, Triq Patri Gustin Sant, Santa Venera u detentrici tal- karta ta’ l-identita 474274M.

U akkuzata talli nhar is- 6 ta' Mejju, 2008 ghall- habta tal- 11:00hrs, gewwa Santa Venera, kif ukoll fil- granet ta' qabel, f' hinijiet different u f' diversi postijiet madwar Malta,

1) forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d- droga eroina, specifikata fl- ewwel skeda ta' l- ordinanaza dwar il- medicini perikoluzi, Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta lill- persuna jew persuni jew ghall- uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill- President ta' Malta minghajr ma kienet awtorizzata bir- regoli tal- 1939 ghall- kontroll intern tad- drogi perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` mghotija mill- President ta' Malta li tforni d- dorga u minghajr ma kienet fil- pussess ta' awtorizzazjoni ghall- importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal- Gvern skond id- dispozizzjonijiet tas- sitt taqsima ta' l- ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xorta ohra awtorzzata li timmanifattura jew tforni d- droga msemmija u minghar ma kellha licenzja li tipprokura l- istess droga u dan bi ksur tar- regolament 4 tar- regolamenti ta' l- 1939 ghall- kontroll intern tad- drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta.

2) Aktar talli kellha fil- pussess taghha id- droga eroina specifikata fl- ewwel skeda ta' l- ordinanza dwar il- medicini perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil- pussess ta' awtorizzazzjoni ghall- importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal- Gvern skond id- dispozizzjonijiet tar- 4 u s- 6 Taqsima ta' l- Ordinanza u meta ma kienitx bil- licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d- droga msemmija u meta ma kienitx b' xi mod iehor bil- licenzja mill- President ta' Malta li jkollha d- droga msemmija fil- pussess tieghu u naqas li jipprova li d- droga msemmija giet fornuta lilha ghall- uzu skond ir- ricetta kif provdut fir- regolamenti msemmija u dan bi ksur tar- regoli ta' l- 1939 dwar il- kontroll intern tad- drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta.

3) Aktar talli rrendiet ruha recidiva b’ diversi sentenzi tal- Qorti ta’ Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il- Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f’ idejn terzi persuni b’ mod generali l- flejjes u l- propjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lill jew ikunu imissu lill-akkuzata jew huma propjeta` taghha, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill- akkuzata milli tittrasferixxi jew xort’ ohra tiddisponi minn xi propjeta` mobbli jew immobbli.

Il- Qorti giet ukoll mitluba sabiex tordna lill- imputata sabiex thallas l- ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal- hatra ta’ l- esperti, skond l- artikolu 533 (1) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u t-taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-regolamenti 4 u 9 ta’l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939.

Rat l-ordni ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jinstema minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

Rat li fis-seduta mizmuma fit-8 ta’ Mejju 2008 l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Rat d-dokumenti esebieti.

Semghat l-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, ic-cirkostanzi li wasslu lill-imputata biex tikkommetti dawn ir-reati, l-fedina penali ta’ l-imputata u l-ammissjoni taghha f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u t-taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-regolamenti 4 u 9 ta’l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputata hatja ta’l-imputazzjonijet migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghall-piena ta’ prigunerija ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin. Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin sabiex jghati lil-imputata l-ghajnuna kollha biex tirrabilita ruhha mill-vizju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------